**Minuti tas-27 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Frar 2018 fil-4:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | il-Membri | |
| | Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| | Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| | Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |
| | Preżenti wkoll | Is-Sur. John Schembri (Sindku) |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Kien hemm rimarka biex punt 3.3 jitniżżel Kerstin Gatt bħala persuna peress li kien huwa li ressaq dan l-ilment.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju tkellem fuq il-harness li kellha ssir fejn hemm il-Bandla tat-toddlers peress li meta ikkuntattja s-supplier li għamel il-Bandli ta' Ħal Luqa dan ma sabx waħda taqbel u għalhekk iddeċieda li jikkuntattja lis-supplier oriġinali tal-Bandli ta' Ħal Farruġ.

2.2 Is-Sur. Saliba semma li fuq punt 3.1 tal-laqgħa preċedenti baqa kollox kif kien dwar id-dawl ta' Triq Ħal Qormi. Is-Sindku semma li kien irraporta huwa stess fuq dan id-dawl.

Huwa qal li jekk hawnhekk baqgħet il-problema allura għandna nerġgħu nirrapurtaw il-każ.

2.3 Is-Sur. Saliba semma li minn mindu sar id-dawl fi Triq Ħal Farruġ bdiet tiġri din il-problema. Is-Sindku irrisponda li kieku ma kienx għalih li għamel pressjoni biex sar id-dawl f' din it-Triq.

2.4 Is-Sur. Saliba saqsa fuq ir-railing tal-Housing Estate. Is-Sindku issuġġerixxa hawnhekk sabiex nerġgħu nagħmlu kuntatt mal-Housing Estate u naraw x' beħsiebhom jagħmlu fuq dan ix-xogħol.

2.5 Is-Sur. Saliba saqsa fuq is-sinjali l-ħodor li hemm f' Ħal Farruġ. Is-Sindku semma li dawn kien għamilhom bi prova u kien hemm anki minn naħa tal-Express Trailers li ressqu ilmenti ma Transport Malta fuqhom. Huwa qal li kien tqajjem il-każ speċjalment għall Kunsill Lokali tal-Gudja peress li dawn kienu saru illegalment.

2.6 Is-Sur. Gatt saqsa fuq il-proposta taz-zebra Cross fejn hemm l-Express Trailers fiex kien wasal. Is-Segretarju semma li huwa kien bagħat jistaqsi lit-Transport Malta imma ma tawx risposta.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku appellalhom li issa irridu nibdew nieħdu ħsieb għall egħluq tal-Bandli matul il-lejl anki biex nevitaw li jkun hemm xi vandaliżmu. Huwa ħeġġeġ lill-membri biex jiftiehmu bejniethom u jsir xi forma ta rooster.

3.2 Is-Sur. Borg semma li huwa jkun lest biex jmur jagħlaq il-Bandli matul il-weekend.

3.3 Is-Sur. Saliba semma li għall egħluq huwa jkun jista jagħlaq ġimgħa iva u ġimgħa le skont l-eżigenzi li qed jahdem bihom bħalissa għax xogħol.

3.4 Is-Sindku issuġġerixxa biex fix-Xitwa l-ġnien jingħalaq għall ħabta tas-7.00 pm u fis-Sajf inkunu irridu ndumu ftit aktar peress li jdum ma jidlam. Is-Sindku semma li huwa se jara tinstabx persuna oħra ta' fiduċja biex tkun tista tassisti fl-egħluq tal-ġnien matul is-Sajf u b' hekk il-piż jinqasam.

3.5 Is-Sindku semma li bħalissa fil-ġnien qed issir is-sistema tad-dawl mill-ġdid u jaqbel li kif jitlesta dan ix-xogħol terġa issir laqgħa mal-membri u l-persuni konċernati sabiex jiġu stabbiliti l-ħinijiet tal-egħluq tal-Bandli.

3.6 Is-Sur. Saliba qajjem il-punt fuq il-liwi li hemm fi Triq Ħal Farruġ u l-ħafna blind corners. Il-membri l-oħra ukoll semmew li hawnhekk hemm bżonn issir xi ħaġa biex jitnaqqas il-periklu għall dawk li jkunu qed isuqu. Is-Sindku issuġġerixxa sabiex huwa jikteb ittra fuq

in-nom tiegħu fejn jsemmi l-bżonn li tkun iddrittata Triq Ħal Farruġ, issir Triq Wied in-Noqor u l-problema tad-dawl ta Triq Ħal Qormi.

3.7 Is-Sindku semma li kien se jsir proġett ta' Housing Estate ġdid f' Ħal Farruġ. Huwa qal li diġà sar xi kuntatt mal-Kunsill mal-persuna li qed tikkordina l-proġett. Huwa semma li f' dan il-każ se jinforma lis-Sur. Saliba biex meta issir laqgħa mal-Housing huwa jkun ukoll preżenti.

3.8 Is-Sur. Gatt saqsa jekk fejn hemm il-Pjazza tal-Housing Estate ta' Ħal Farruġ, din hux se tibqa vojta. Is-Sindku issuġġerixxa li hawn nistgħu nagħmlu feature. Is-Sur. Gatt saqsa ukoll fuq iċ-ċint li kellu jsir bejn il-Housing Estate u l-parking area. Is-Sindku qal li huwa se jkun qed jikkordina biex dan iċ-ċint jittella.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 6 ta' Frar 2018 fis-5.15 pm. Kien hemm proposta sabiex tinstab ġurnata fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu għall laqgħa li jmiss.

______________________ ______________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv